QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

ONOR. IMHALLEF DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A.,LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 13 TA' GUNJU, 2002 .

APPELL NRU. 54/2002 JGD.

IL-PULIZUIJA.

(SPETTUR A. MICALLEF GRIMAUD)

VS.

MICHAEL FALZON .

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-26 ta' Frar, 2002, talli :-
a) fil-Marsa , nhar il-25 ta' Settembru, 2001 , ghall-habta tad- 9 .00 p.m. f'post pubbliku jew espoost ghall-pubbliku tlajja jew ghamel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dana bi ksur tal-artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta ; u
b) aktar, talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi , offenda l-pudur jew il-morali , b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku u dana bi ksur tal-art. 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Frar, 2002 , li biha dik il-Qorti iddecidiet li mill-provi prodotti l-ewwel imputazzjoni kienet tirrizulta u sabet lill-appellant hati taghha u wara li rat l-artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundanatu ghal tlitt ijiem prigunerija u peress li it-tieni imputazzjoni ma rrizultatx , illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu prezentat fit-28 ta' Frar, 2002, li bih talab li din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata, billi tikkonfermha fejn sabitu mhux hati u tirrevokha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu filli tlajjar ghal skop ta' prostituzzjoni ma jistax jigi dezunt mill-fatt li persuna tkun rikkbet lill-ohra f'karozza u tkun trid ikollha relazzjoni ma din tal-ahhar . Dak li trid tolqot il-ligi hu t-tlajjar fit-toroq u il-fatti kif irrizultaw ma jwasslux hlief ghall-intenzjoni tat-tieni reat dedott kontra l-appellant li minnu hu gie liberat . Ma kienx hemm l-addeskament li jkun reat . Gie sottomess ukoll li il-piena karcerarja kienet gravuza u dana minhabba l-personalita' tal-appellant .

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza ;

ikkunsidrat,

Illi il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti. Fil-jum, hin u post indikati fic-citazzjoni, zewg police women pajzana li kienu "on patrol" raw lill-appellant , li kien liebes ta' mara kif ikun dejjem, jirkeb ma persuna ragel go karozza . Huma segwew dil-car u meta waqfet ftit boghod , marru fuq l-okkupanti tal-karozza, li wiehed minnhom kien l-appellant . Huma baghtu lill-appellant lill-hinn u r-ragel li kien fil-car qalilhom li l-appellant kien talbu LM4 biex imur mieghu. Ir-ragel ikkonferma li hu kien ra lill-appellant u hasbu mara u rikkbu mieghu u meta staqsieh bil-kemm dan kien wiegbu li LM4 pero' kien ghadu ma sar xejn u kien ghadu ma hallasx flus meta resqu lejhom il-police women. Hu kien ra lill-

appellant jippassiggja fuq il-bankina u raha "helwa" u iddecieda li "jrikkibha" fil-car biex ikollu relazzjoni sesswali "maghha". Kien l-appellant li issuggerixxa lir-ragel fejn ghandhom jieqfu bil-car . Hu kien jaf li il-post fejn kien l-appellant kien post fejn jiltaqghu certu nies u hu kien nizel hemm ghat-tentazzjoni .

Illi l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati talli ikkommetta atti li joffendu il-pudur jew il-morali fil-pubbliku ghax fil-fatt ma lahaq sar xejn . Mhux l-istess ghall-akkuza taht l-art. 7 (2) tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni " (Kap.63 tal-Ligijiet ta' Malta ) u ta' din l-akkuza l-ewwel Qorti sabitu hati. Dan l-artikolu jiddisponi testwalment li :-

> "Kull min f' xi triq jew f'post pubbliku iehor jew f'xi post espost ghall-pubbliku jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali, jehel , meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur . "

Illi il-kliem operattiv fit-test Ingliz tal-Ligi huma :-

> "loiters or solicits for purposes of prostitution or for other immoral purposes "

Illi id-difiza tal-appellant ghamlet riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti preseduta mill-Onor . Imhallef J. Flores , fil-kaz "Il-Pulizija vs. Barbara Dyer" (25.3.1971) u fejn il-Qorti kienet illiberat ghax il-kliem tal-ligi dak iz-zmien , qabel ma din il-parti tal-ligi giet emendata, kien isemmi "idejjaq" u "importunes" fit-test Ingliz u mhux il-kliem prezenti fuq riprodott . Il-bazi tal-liberazzjoni kienet li fl-akkuza f'dak il-kaz kienet intuzat il-frazi "hajret diversi persuni ghal skop ta' prostituzzjoni" u mhux il-kelma tal-ligi allura vigenti "iddejjaq" .

Illi ovvjament minn dik is-sentenza 'l hawn il-ligi imbidlet u minnflok il-kliem "iddejjaq" fit-test Malti u "importunes" fit-test Ingliz , dahal il-kliem "jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni" u "loiters or solicits for the purpose of prostitution". Dan il-kliem ma jirrikjedix li jkun hemm l-element li wiehed idejjaq lil dak li jkun jew "importuning" billi wiehed ikun "petulanti, insistenti , nojjuz u koncetti simili " kif kien jinhtieg li jirrizulta fiz-zmien tas-sentenza citata mid-difiza. Bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f'post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm umbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li it-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f' xi triq mudlama jew imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f'post li jkun maghruf ghal dan l-iskop. L-element tat-thajjir umbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b'mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qeghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac-"circumstantial evidence" huwa f'dan ir-reat evidentement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi il-veri intenzjoni ta' dak li jkun.

Illi zgumbrat dan it-terren legali li tqajjem waqt it-trattazzjoni orali , fil-kaz in ezami ic-cirkostanzi kollha jindikaw li l-appellant kien qed jitlajja' fil-post in kwistjoni li , kif jirrizulta kemm mix-xiedha tal-police women u tar-ragel li rikkeb lill-appellant , hu maghruf bhala "meeting place" jew "pick-up place" ghall-prostituti irgiel u nisa, u li kien hemm proprju bl-iskop li jipprostitwixxi lilu innifsu . Kien liebes ta' mara b'mod li r-ragel in kwistjoni hasbu mara u thajjar imur mieghu, waqqaf u effettivament rikkbu . Li din ir-rikba ma kienetx biss xi "joy ride" umbaghad jirrizulta mill-fatt li kif xehed ir-ragel stess , meta hu staqsa lill-appellant kemm , dan wiegbu : "Erbgha liri. " (LM4) u hu kien qed jifhem kemm ghas-sess u mhux ghal haga ohra. Ma jidhirx li kif inhi il-ligi illum jista' jkun hemm xi dubju f'dan il-kaz li l-appellant kien fil-fatt qed jitlajja' jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni , tant hu hekk li bil-lixka li tefa' irmexxilu jirkeb mar-ragel in kwistjoni u, meta ir-ragel talbu kemm , hu ma irrispondiex b' xi daqqa ta' harta izda kien pront ikkwotalu il-prezz ghall-prestazzjonijiet sesswali intizi.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi tirrizulta il-htija tal-appellant bla ebda dubju ragonevoli u is-sentenza tal-ewwel Qorti zgur li ma kienetx "unsafe and unsatisfactory" fir-rigward.

Illi dwar il-piena , din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba dak li jkun gie deciz mill-ewwel Qorti

dment li din tkun entro il-parametri tal-ligi u ma tkunx manifestament sproporzjonata, li f' dan il-kaz zgur li mhix , tenut kont li l-piena massima ghal dar-reat hi ta' tlitt xhur habs.

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha. Pero' in vista tal-"make up" psikologiku u fizjonomiku tal-appellant u li dan jista' johloq certi problemi ghall-awtoritajiet tal-habs, il-Qorti tordna li il-piena ta' tlitt ijiem prigunerija ghandha tigi skontata fil-"lock-up" tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana u mhux fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.
.

(ft) J. Galea Debono

Paul Miruzzi
Dep./Registratur

13.06.2002